# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 26 ta’ Frar, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 1628/00mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm428.32) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti access ghall-

uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mit-8 ta’ Ottubru, 1997, sat-23 ta’ Lulju, 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta’ Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.